**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 31**
**It-Tlieta, 11 ta' Ottubru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**SAN PAWL IL-BAĦAR, BUĠIBBA, QAWRA U XEMXIJA – CCTV**

**854. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jekk jogħġbu jinforma lill-Kamra jekk hemmx xi proġett pilota jew mod ieħor għal CCTV fil-lokalitajiet ta' San Pawl il-Baħar, Buġibba, Qawra u x-Xemxija peress li dawn il-lokalitajiet bħalissa għandhom l-ogħla ammont ta' kriminalità u vandaliżmu fil-pajjiż?

25/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-aġenzija LESA għamlet ftehim mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'isem il-Kunsilli Lokali u l-lokalitajiet li jirrappreżentaw li permezz tiegħu jitqassmu €3 miljun fuq tliet snin għal proġetti li jinkludu l-oqsma tas-sigurtà u oqsma oħra bħall-ambjent u t-trasport. Kien hemm diversi Kunsilli li applikaw sabiex fil-lokalità tagħhom isir proġett ta' CCTV'S u dawn l-applikazzjonijiet ġew aċċettati. Infurmat li ma kienx hemm talbiet simili mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

Seduta 31
11/10/2022

**XEMXIJA – REATI**

**855. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jekk jogħġbu jinforma lill-Kamra jekk humiex qed isiru rondi regolari fix-Xemxija? Jekk dawn ikunu ugwali għal dawk fiż-żona u l-lokalitajiet tal-madwar, jista' jgħid kemm kien hemm reati fix-Xemxija bejn l-2020-2021? Jista' jgħid x'inhi r-rata ta' suċċess biex jiġu solvuti dawn ir-reati?

25/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 858.

Seduta 31
11/10/2022

**BUĠIBBA – REATI**

**856. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm reati f'Buġibba bejn l-2020 u l-2021? Jista' jgħid x'inhi r-rata ta' suċċess biex jiġu solvuti dawn ir-reati?

25/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 858.

Seduta 31
11/10/2022

**QAWRA – REATI**

**857. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm reati fil-Qawra bejn l-2020 u l-2021? Jista' jgħid x'inhi r-rata ta' suċċess biex jiġu solvuti dawn ir-reati?

25/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 858.

Seduta 31
11/10/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – REATI**

**858. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm reati f'San Pawl il-Baħar bejn l-2020 u l-2021? Jista' jgħid x'inhi r-rata ta' suċċess biex jiġu solvuti dawn ir-reati?

25/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fis-sistema elettronika tal-Pulizija, il-lokalità ta' San Pawl il-Baħar tinkludi wkoll Burmarrad, Buġibba, il-Qawra, ix-Xemxija, il-Wardija u partijiet mill-Bidnija. In-numru ta' reati rreġistrati f'San Pawl il-Baħar u l-lokalitajiet indikati fis-snin 2020 u 2021 huma kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt. Wara arranġamenti li ġew introdotti fl-aħħar xhur tas-sena 2020, reati li jiġu rrappurtati minn sezzjonijiet speċjalizzati tal-Korp, ukoll ikunu miżjuda fis-sistema elettronika tal-Pulizija. Mhix disponibbli informazzjoni dwar reati-solvuti mis-sistema elettronika u biex din tiġi kkumpilata manwalment, tinvolvi d-dedikazzjoni ta' ammont sproporzjonat ta' ħin u ta' riżorsi.

| **Kategorija ta' reat** | **2020** | **2021** | **Total** |
|---|---|---|---|
| Abbandun ta' tfal | 4 | 2 | 6 |
| Ħruq | 6 | 0 | 6 |
| Attentat ta' reati | 29 | 25 | 54 |
| Offiżi fuq il-persuni | 84 | 68 | 152 |
| Użu ħażin tal-kompjuter | 13 | 18 | 31 |
| Reati kontra l-paċi pubblika | 1 | 0 | 1 |
| Ħsarat | 377 | 407 | 784 |
| Vjolenza domestika | 93 | 124 | 217 |
| Drogi | 13 | 40 | 53 |
| Falsifikazzjoni | 4 | 6 | 10 |
| Frodi | 38 | 166 | 204 |
| Omiċidju | 1 | 0 | 1 |
| Immigrazzjoni | 5 | 2 | 7 |
| Ħasil ta' flus | 0 | 5 | 5 |
| Pornografija | 1 | 6 | 7 |
| Eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet | 22 | 39 | 61 |
| Offiżi sesswali | 5 | 15 | 20 |
| Serq | 423 | 382 | 805 |
| Theddid u vjolenza privati | 26 | 27 | 53 |
| Aċċess mhux awtorizzat | 0 | 3 | 3 |
| Vjolenza kontra uffiċċjal pubbliku | 10 | 10 | 20 |
| **Total** | **1155** | **1345** | **2500** |

Seduta 31
11/10/2022

**TRANSPORT MALTA - SEZZJONI MARITTIMA– IMPJEGATI LI TELQU JEW ĠEW TRASFERITI**

**859. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinforma lil din il-Kamra kemm impjegati ta' Transport Malta ġew trasferiti jew telqu mis-Sezzjoni Marittima bejn l-2013 u l-2022? Jista' jgħid kemm damu impjegati qabel telqu? Jista' jgħid kemm ġew impjegati ġodda mas-sezzjoni fl-istess ħin?

25/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fuq it-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 31
11/10/2022

**GĦAQDIET MUŻIKALI**

**1263. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn Għaqdiet Mużikali madwar Malta u Għawdex, liema huma dawn l-Għaqdiet Mużikali, f'liema lokalita jinsabu u kemm ilhom imwaqqfin?

01/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qiegħed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 31
11/10/2022

**GĦAQDIET TAN-NAR LIĊENZJATI**

**1264. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn Għaqdiet tan-Nar liċenzjati madwar Malta u Għawdex, liema huma dawn l-Għaqdiet tan-Nar, humiex ta' xi soċjetà mużikali partikolari jew privati u jekk huma ta' soċjetà mużikali partikolari, ta' liema soċjetà mużikali tappartjenti tali għaqda tan-nar u f'liema lokalità tinsab kull kamra tan-nar (fireworks factory)?

01/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi għaqdiet tan-nar mhumiex reġistrati jew liċenzjati mal-Pulizija. F'dawn il-gżejjer hawn sitta u tletin (36) kamra tan-nar irreġistrati mal-Pulizija kif jidher fit-tabella riprodotta hawn taħt, li tinkludi wkoll il-lokalità ta' fejn jinsabu. Għall-Pulizija, kif ukoll skont ir-Regolamenti dwar Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi Oħra, L.S. 33.03, inkluż b'mod partikolari Regolament 6A, il-persuna li fuqha hija lliċenzjata il-kamra tan-nar, hija direttament responsabbli mill-operat tagħha. Infurmat li sebgħa (7) minn dawn il-kmamar tan-nar huma privati.

| **Tabella PQ 1264 - Lista ta' Kmamar tan-nar** | | |
|---|---|---|
| **ID** | **Kamra tan-nar** | **Area** |
| 1 | St Mary | Ras Il-Wied L/o \|Żebbiegh |
| 2 | St Joseph | Tal-Garda L/o Għaxaq |
| 4 | St Mary | Tal-Ħaxun L/o Għaxaq |
| 5 | St Mary | Kontrada Ta' San Niklaw L/o Qrendi |
| 6 | Ta' Lourdes | Wied il-Ħofra L/o Qrendi |
| 7 | St Mary | Ir-Ramlija L/o Mġarr |
| 8 | 19th March | Ix-Xagħra Tax-Xini L/o Rabat |
| 9 | Union | Ħal-Saflieni L/o Luqa |
| 10 | SM | Ħbula Ta' Mejter L/o Burmarrad |
| 11 | 12th May | Tar-Ramel L/o Żebbug |
| 12 | St Philip | Tar-Ramel L/o Żebbug |
| 13 | St George | Sqaq Ta' Awzara L/o Qormi |
| 14 | St Michael | Kontrada Ta l'Iklin L/o Lija |
| 15 | St Catherine | Tal-Wardija L/o Żurrieq |
| 16 | La Stella | Ta' Razzat L/o Gudja |
| 17 | Independence | Il-Gwejdija L/o Qrendi |
| 18 | Lily | Wied Musa L/o Siġġiewi |
| 19 | St Nicholas | In-Nadur L/o Siġġiewi |
| 20 | Mount Carmel | Ta' L' Għerien L/o Żurrieq |
| 21 | Madonna Tal-Virtu | Tal-Blajjiet L/o Għarb Gozo |
| 22 | 15th August | It-Tellerit Dwejra L/o Rabat |
| 23 | St Joseph | Ħlantun L/o Żurrieq |
| 24 | Ta' Lourdes | Tal-Qgħadi L/o Mgħatab |
| 25 | St Leonard | Ta' Ċirkiez L/o Gudja |
| 26 | St Mary | Ta Kandja L/o Siġġiewi |

| | | |
|---|---|---|
| 27 | St Joseph | Wied Qierda L/o Żebbug |
| 28 | San Pawl | Tax-Xini L/o Rabat |
| 29 | Consolation | Ta' Disinni L/o Gudja |
| 30 | San Bert | Wied Id-Dis L/o Għarghur |
| 31 | 25 Ta' Novembru | Kontrada Ta' Lambordi L/o M'Xlokk |
| 33 | St Andrew | Ħal-Farruġ L/o Qormi |
| 34 | St Sebastian | Tal-Ħandaq L/o Qormi |
| 36 | St Paul | Ta' Amparell Safi |
| 37 | 15th August | Tal-Boroż L/o Kercem Gozo |
| 38 | Qalb Ta Ġesu | Ta' Garrija L/o Għharb Gozo |
| 40 | Tal-Bilbli | Wied Qierda L/o Siġġiewi |

Seduta 31
11/10/2022

**GĦAQDIET TAN-NAR – GĦOTJIIET TA' FLUS MILL-GVERN**

**1265. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid minn kemm għotjiet ta' flus mill-Gvern ser jibbenefikaw l-Għaqdiet tan-Nar madwar Malta u Għawdex din is-sena?

01/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinstab f'din il-lista hawn taħt:

Fl-2022 l-għaqdiet tan-nar madwar Malta u Għawdex ibbenefikaw minn żewġ għotjiet ta-flus:

1. Massimu ta' €5,000 mill-Fond għal Aktar Saħħa u Sikurezza fil-Kmamar tan-Nar
2. Massimu ta' €2,000 mill-Iskema għall-Assistenza Loġistika tal-Festa

Irrid ngħid li l-iskema għal aktar saħħa u sikurezza fil-kmamar tan-Nar, li ilha toħroġ kull sena sa mit-twaqqif tagħha fl-2018, għandha l-għan li ssaħħaħ l-istandards tas-saħħa u s-sigurtà tul il-ħidma mwettqa minn mijiet ta' pirotekniċi li jaħdmu bla heda fuq bażi volontarja.

Permezz ta' din l-iskema, inkomplu nibnu fuq l-impenn tagħna lejn il-prattiċi tradizzjonali tagħna, speċjalment dawk li jikkumplimentaw il-festa Maltija. Dan bħala parti mill-impenn tagħna biex nissalvagwardjaw il-wirt kulturali intanġibbli ta' pajjiżna.

Seduta 31
11/10/2022

**GĦAQDIET MUŻIKALI - GĦOTJIIET TA' FLUS MILL-GVERN**

**1266. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid minn kemm għotjiet ta' flus mill-Gvern ser jibbenefikaw l-Għaqdiet Mużikali madwar Malta u Għawdex din is-sena, anke minħabba l-fatt illi minħabba l-pandemija dawn l-Għaqdiet Mużikali qed isofru minn diffikultajiet finanzjarji? X'għandu maħsub il-Gvern biex fix-xhur u s-snin li ġejjin dawn l-Għaqdiet Mużikali jkomplu jibbenefikaw minn għajnuna finanzjarja tal-Gvern biex din it-tradizzjoni Maltija ma tintilifx?

01/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinstab f'din il-lista hawn taħt:

Fl-2022 l-għaqdiet mużikali madwar Malta u Għawdex jistgħu jibbenefikaw minn żewġ għotjiet ta' flus:

1. Massimu ta' €12,000 mill-Iskema ngħinu finanzjarjament lis-Soċjetajiet tal-Banda
2. Massimu ta' €2,000 mill-Iskema għall-Assistenza Loġistika tal-Festa

Bħala gvern nemmnu li dawn l-iskemi huma importanti biex jibqa' jingħata appoġġ lill-għaqdiet li jippromwovu tradizzjonijiet lokali relatati mal-festi. Dawn l-iskemi jkomplu jsaħħu l-kapaċitajiet tal-voluntiera biex ikomplu jwettqu l-ħidma sfiqa, anke wara d-diffikultajiet li ġarrbu minħabba l-pandemija.

Naturalment l-għaqdiet mużikali jistgħu jibbenefikaw ukoll minn kull skema ta finanzjament li huma eleġibbli għaliha lil hinn mit-tnejn li semmejt hawn fuq u li huma esklussivi għas-soċjetajiet mużikali.

Seduta 31
11/10/2022

**DISTRIBUZZJONI TA' DAWL ELETTRIKU F'ŻONI RURALI**

**1267. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk id-distribuzzjoni ta' dawl elettriku f'żoni rurali tistax titwassal permezz ta' cables fuq arbli tad-dawl jew ġo trinka taħt l-art? Min irid iħallas għall-ispejjeż sija tal-arbli tad-dawl, cables u/jew trinka, l-entità li tipprovdi s-servizz tad-dawl elettriku jew il-klijent li jitlob il-provvista tad-dawl elettriku?

01/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infurmata li d-distribuzzjoni ta' dawl elettriku f'żoni rurali hija soġġett għall-permess tal-AwtoritÀ tal-Ippjanar fejn ikun hemm bżonn arbli tad-dawl. Fir-rigward tal-ħlasijiet, dawn huma regolati mid-dispożizzjonijiet tal-liġi sussidjarja 545.01.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - INFIQ F'REKLAMAR**

**1327. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 618 u jgħid kemm intefqu flus f'reklamar mill-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu separatament mill-1 ta' Lulju 2017 sal-lum, sena b'sena u skont il-mezz tax-xandir?

02/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1764. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:**

| Board/Entity | Name of Chairperson | Qualifications |
|---|---|---|
| Foundation for Social Welfare Services | Mr Alfred Grixti | B. Educ.(Hons)(Eng&EMY).,Dip. Soc. Stud (Oxon) (Distinction), M.Sc.Mgt.(IR)(Oxon), PG DEAM (Melit) cum laude |
| Social Innovative Projects Management Ltd. | Mr Anthony Muscat | 20 years experience in Project Management within the Private Sector |

| | | |
|---|---|---|
| Executive Committee of 'The Meeting Place' | Mr Louis Gatt | Representing Ministry in his capacity as Head of Secretariat to Minister |
| National Addiction Advisory Board | Prof. Richard Muscat | B.Sc.Hons. (L'Pool), M.Sc. (Lond), Ph.D. (Lond). |
| Board of Directors of the Foundation for Social Welfare Services | Mr George Borg | B.A. (Educ), Dip.Ed (SEN), M.Ed (SEN) (Aberdeen) |
| Welfare Committee | Mr Anthony Scicluna | B.A. (Hons) Business Management, FIA, CPA |
| Social Innovative Projects Management Ltd, Board of Directors | Mr Robert Borg | MA (Fin Serv), BA (Hons) Acctcy, CPA, FIA. |
| Council for Children | Ms Antoinette Vassallo | State Registered Nurse. S.R.N. |
| Malta Pyschology Profession Board | Dr Kevin Sammit Henwood | BPsy (Hons.) (Melita), MSc (Surrey) DForenPsy (Nottingham) |
| Social Work Profession Board | Mr Mike Orland | B.A.(Hons)(Melit.), M. FTSP(Melit.) |
| Pyschotherapy Profession Board | Dr Charles Cassar | B.A.(Hons) psyche. (Melit), PRACT. Dip. Exist. Anlys. & Logo THER. (NVLEA), Dip. SUPV. (GPTIM.), Dip. SUPV. (NVLEA), M.A. GEST. THER. (GPTIM), ECP., RGD. PSYT. PPBM. No 002. |
| Council for the Counselling Profession | Ms Anna Catania | B.Sc(Hons).Nurs.(Melit.) M.Couns. (Melit). PG(Dip)Psychosexual and Relationship Therapy (Lond). |
| Fostering Board | Dr Dianne Galea | Dip Inc. Educ (Melit.), LL.B Hons.(Melit.), N.P Dip (Melit.), LL.D (Melit.) |
| Adoption Board | Dr Michael Buhagiar | JUL & JUD (Rome). Adv. S.R.R. & Segn. App. (Rome). |
| Social Assistance Board | Mr Ray Chetcuti (Ex Officio) | Representing Ministry in his capacity as Director General (Income Support and Compliance) |
| Committee for Positive Parenting and Strengthening of the Family | Ms Ruth Rose Sciberras | Diploma in Social Work |
| Minors Care Review Board | Dr Juliana Scerri Ferrante | B.A. (Socio-legal Stud.), L.P. Dip. Not. Pub. LL.D. Mag. Juris(Int. Law), Cert. Studii Forense (RM) |
| Board of Appeal (Fostering) | Dr Deborah Schembri | B.A (Leg. & Hum. St.) (Melit.), M..A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.), Adv. Trib. Eccl. Melit. |
| Board of Appeal (Adoption) | Dr Mark Simiana | LL.D. |
| Board of Appeal (Psychotherapy) | Dr Kurt Xerri | LL.D., M.A (Laws), Ph.D. |

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1765. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1766. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba fir-rigward tal-Awtorità tad-Djar qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tal-HME u tal-SPM, l-informazzjoni mitluba hija skont kif ġej:
**HME:**
Chairman – B.Ed (Hons)
CEO – A Level Qualification
**SPM:**

Chairman - Adv. Dip in Children's, care learning and Development (inc. Child PSYCH); Dip. in Leadership and Management for Health and Social Care and Children and Young people's Services; and Currently in last year of Masters in Business Administration (MBA) with the university of Cumbria.

CEO - B.Sc(Hons) Comm Tk, PG DIP GER, MSC HSM.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1767. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpelant li li c-Chairpersons u s-CEOs jinħatru abbazi ta' diversi fatturi u kwalitajiet fosthom esperjenza, u li jkollhom ħiliet ta tmexxija u l-ġudizzju meħtieg biex iwettqu dik il-funzjoni skont l objettivi li l entita tkun mwaqqfa għalihom.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1768. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-profili tal-kapijiet eżekuttivi u kummissarju, kif espost fuq is-siti uffiċjali tal-entitajiet rispettivi, flimkien ma' tabella dwar chairpersons u kummissarju oħrajn, li jaqgħu wkoll taħt dan il-Ministeru.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1769. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – INFIQ F'REKLAMAR**

**2090. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus f'reklamar fil-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu separatament mill-2019 sal-lum, sena b'sena, u skont il-mezz tax-xandir innifsu?

30/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – INFIQ F'REKLAMAR**

**2091. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus f'reklamar fil-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu separatament mill-2019 sal-lum, sena b'sena, u skont il-mezz tax-xandir innifsu?

30/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 31
11/10/2022

**SKEJJEL PRIMARJI – ŻIEDA FIL-QARI**

**2133. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra x'passi u inizjattivi ttieħdu matul is-sena skolastika li għaddiet u li huma ppjanati li jittieħdu fis-sena li ġejja sabiex l-istudenti fl-iskejjel primarji jaqraw aktar?

01/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni kollha mitluba inkluz id-diversi inizjattivi relatati qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Ninfurmah ukoll li apparti li l-libreriji fil-klassijiet kollha huma attrezzati b'kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, bl-għajnuna tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu bosta skejjel primarji ta' kuljum jorganizzaw diversi attivitajiet marbuta mal-qari bil-Malti u bl-Ingliż skond is-sillabi rispettivi. Dan kollu qed ikun ikkumplimentat ukoll permezz ta' ambjent xieraq bil-għan li dan ikompli jistimola aktar studenti sabiex jaqraw.

Matul is-sena skolastika li jmiss (2022-23) huwa mistenni li l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tkompli bl-istess programmi, skemi u inizjattivi, filwaqt li mistenni wkoll tħejji inizjattivi ġodda.

Nixtieq ukoll nieħu l-opportunita' sabiex nirringrazzja lill-għalliema kollha tagħna u lill-kapijiet fl-iskejjel kollha tax-xogħol imprezzabbli tagħhom li flimkien mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qegħdin ta' kuljum iwettqu b'dedikazzjoni u impenn.

Seduta 31
11/10/2022

**SKEJJEL SEKONDARJI – ŻIEDA FIL-QARI**

**2134. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra x'passi u inizjattivi ttieħdu matul is-sena skolastika li għaddiet u li huma ppjanati li jittieħdu fis-sena li ġejja sabiex l-istudenti fl-iskejjel sekondarji jaqraw aktar?

01/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni kollha mitluba inkluz id-diversi inizjattivi relatati qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Ninfurmah ukoll li se nkomplu ninvestu fix-xiri ta' aktar riżorsi u l-istudenti nfushom ser ikunu wkoll involuti fl-evalwar tal-kotba li hemm bżonn li jinxtraw sabiex dawn ikunu kotba dejjem eqreb u addattati għall-bżonnijiet u l-interessi tagħhom. Se nkomplu nżidu l-materjal fuq is-siti elettroniċi li l-istudenti u l-għalliema jistgħu jużaw flimkien kemm għal qari abbinat ma' xogħol tal-iskola kif ukoll fejn jidħol il-qari fil-ħin liberu.

Matul is-sena skolastika li jmiss (2022-23) l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu mistennija tkompli bl-istess programmi, skemi u inizjattivi.

Nixtieq ukoll nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lill-għalliema kollha tagħna u lill-kapijiet fl-iskejjel kollha tax-xogħol imprezzabbli tagħhom li flimkien mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qegħdin ta' kuljum iwettqu b'dedikazzjoni u impenn.

Seduta 31
11/10/2022

**RAĦAL ĠDID: ĠNIEN SAN ALWIĠI – APPLIKAZZJONI NRU. TRK/00266472**

**2135. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra f'liema pożizzjoni tinsab l-applikazzjoni li saret lill-Awtorità tal-Ippjanar nru TRK/00266472 sabiex jiġi rranġat Ġnien San Alwiġi, Raħal Ġdid?

01/07/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-applikazzjoni msemmija qiegħda fi stadju bikri, fejn intalbet xi informazzjoni sabiex l-applikazzjoni tista' tiġi validata u sussegwentement proċessata.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTRU GHALL-ĠUSTIZZJA – DISKORS FIL-LAQGĦA TAS-CEPEJ**

**2136. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-diskors li għamel fil-Laqgħa tas-CEPEJ f'Ġunju, 2022?

01/07/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-diskors li tajt waqt il-laqgħa tas-CEPEJ f'Ġunju, 2022 huwa wieħed pubbliku u saħansitra jinstab fuq il-midja soċjali. Ninfurmah ukoll li kien hemm anke stqarrija uffiċjali, PR220877, maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (DOI) li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 31
11/10/2022

**RAĦAL ĠDID – XOGĦLIJIET FI ĠNIEN IL-MEDITERRAN**

**2137. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 1700, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra jekk kemm-il darba hemmx jew kienx hemm ukoll l-involviment tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u jekk iva, x'sar mill-istess?

01/07/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid li min-naħa tal-istess Kunsill ma kienx hemm involviment rigward mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.
Madanakollu, infurmat mill-istess Kunsill Lokali illi f'dawn ix-xogħlijiet kien hemm l-involviment ta' entitajiet oħrajn.

Seduta 31
11/10/2022

**MCA – INFIQ U D-DĦUL**

**2262. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba sena b'sena mill-2017 s'issa, ġew diskussi quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-Kamra, l-infiq u d-dħul tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA)?

12/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-estmi finanzjarji u r-rapport annuali ta MCA jiġu preżentati kull sena fil-Parlament. MCA mhux infurmata dwar li r-raporti gew diskussi fil Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

Seduta 31
11/10/2022

**MEMBRI TAL-ĠUDIKATURA – PARTEĊIPAZZJONI F'KONFERENZI RIGWARD LIĠIJIET TAL-UE**

**2263. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Mill-bidu tal-2021 sakemm titwieġeb din il-mistoqsija, jista' l-Ministru jgħid:
a. għal kemm-il kors, seminar jew konferenza ppartiċipaw membri tal-ġudikatura fir-rigward tal-liġijiet tal-UE li ġew jew għad iridu jiġu implimentanti, u
b. f'kull każ jelenka dwar x'kien is-suġġett?

12/07/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-bidu tal-2021 sa Settembru 2022 il-membri tal-ġudikatura attendew 30 il-kors, seminar jew konferenza. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra bis-suġġetti varji ta' dawn il-korsijiet, seminars jew konferenzi.

Seduta 31
11/10/2022

**BORD GĦAS-SOLUZZJONI TA' TILWIM GĦAL NETWORKS DWAR L-UTILITAJIET - MEMBRI**

**2264. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari 696 u 1269, jista' l-Ministru jgħid:
a. min kienu l-membri, li skont ma ntqal fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 696, offrew ir-riżenja tagħhom lill-Gvern; u
b. jekk issa nħatarx bord ġdid, u fil-każ min huma l-membri u għal kemm hi l-ħatra ta' kull wieħed minnhom, u jekk le x'inhi r-raġuni għalfejn ma saret l-ebda ħatra sad-data ta' meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

11/07/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 31
11/10/2022

**MCCAA - DIRETTUR ĠENERALI - INVESTIGAZZJONI**

**2265. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'passi qed tieħu d-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) fir-rigward tal-Ponzi Schemes, li minn informazzjoni li għandi, kienu l-kaġun li numru ta' ċittadini Maltin tilfu mijiet ta' euro u dan peress li tali skema tista' tikkostitwixxi prattika kummerċjali inġusta skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 – b'mod partikolari fid-dawl ta' dak li jingħad fil-paragrafu 14 tal-Ewwel Skeda tal-istess liġi u ċjoè:
"14. Fejn il-kummerċjant/a jistabbilixxi/tistabbilixxi, jopera/topera jew jippromwovi/tippromwovi skema promozzjonali piramidali fejn konsumatur iħallas għall-opportunità li jirċievi kumpens derivat primarjament mill-introduzzjoni ta' konsumaturi oħrajn fl-iskema minflok mill-bejgħ jew konsum ta' prodotti.".

12/07/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskemi hekk imsejħa 'Ponzi schemes' u li għalihom qed issir referenza huma relatati ma' investimenti u servizzi finanzjarji li huma regolati minn liġijiet settorali speċifiċi amministrati mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.
Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li l-paragrafu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jitkellem fuq skemi promozzjonali piramidali li m'humiex skemi ta' investiment finanzjarju. Bħalissa m'hemmx każijiet li jaqgħu taħt dan l-artikolu u li dwarhom dan l-Uffiċċju huwa a konoxxenza.

Seduta 31
11/10/2022

**MCCAA – TĦADDIM TA' DIGITAL MARKETS ACT**

**2266. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'passi qed jittieħdu da parti tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) fir-rigward tal-eventwali tħaddim tad-Digital Markets Act tal-UE?

12/07/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Uffiċċju qed jipparteċipa f'numru ta' laqgħat li qed isiru bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri dwar li l-provvedimenti tal-Att

dwar is-Swieq Diġitali u kif dawn se jkunu qed jiġu mħaddmin u ssalvagwardati. Fl-istess waqt dawn il-laqgħat qed iservu biex jiġu identifikati funzjonijiet u proċeduri ġodda skont il-ħtieġa.

Seduta 31
11/10/2022

**REWS – PROĊEDURA**

**2267. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi l-proċedura li r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) hu marbut li jsegwi, meta jrid jimpjega uffiċjali ġodda miegħu tenut kont ta' dak li jingħad fl-artikoli 16 u 17 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, Kap. 545? Tista' tgħid jekk hemmx bżonn ta' approvazzjoni mill-Gvern fir-rigward tar-rimunerazzjoni, il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-impjieg ta' uffiċjali fi ħdan ir-REWS stabbiliti mill-istess REWS?

18/07/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infurmata li r-REWS jattjeni ruħu mad-direttiva 7 tas-servizz pubbliku, flimkien mad-dispożizzjonijiet fl-artikolu 16 u l-artikolu 17 tal-Att dwar ir-REWS.

Seduta 31
11/10/2022

**ĦAL QORMI: TRIQ IL-BELT VALLETTA - XOGĦLIJIET**

**2269. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li bosta residenti Qriema qed jilmentaw dwar l-istat ħażin f'parti minn Triq il-Belt Valletta, f'Ħal Qormi, jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol fi Triq il-Belt Valletta, f'Ħal Qormi? Jista' jgħid ukoll jekk saritx konsultazzjoni mar-residenti jew mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi dwar din il-materja?

19/07/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. Fil-lokalità ta' Ħal Qormi l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi Triq l-Għargħar 1979, Triq maġenb Triq il-Mitħna, Triq Dun G Cilia, Triq Ġorġ Zammit, Triq l-Imdina (lejn in-nofsinhar), Triq il-Poeżija, il-Bypass tal-Imrieħel u n-niżla li għall-mini ta' Santa Venera, Triq it-Tapizzara, Triq Angelo Borg, Triq in-Naħal, Triq l-Isqof Depasquale, Triq Ġorġ Borg, toroq bla isem f'Tal-Ħlas, f'Tal-Ħandaq, fil-limiti Tal-Ħammieri u ħdejn Triq il-Belt Valletta, Triq Għarrqam u Triq il-Ħarrub.

Bħalissa għaddej il-bini mill-ġdid ta' ħafna toroq oħrajn madwar il-pajjiż, fosthom Triq l-Imdina (lejn it-Tramuntana), f'Ħal Qormi. It-triq indikata, Triq il-Belt Valletta, hija fost it-toroq li se jinbnew mill-ġdid bħala parti minn din il-ħidma mifruxa fuq seba' snin. Fl-istess waqt, sakemm tinbena mill-ġdid, peress li r-responsabiltà tat-tiswijiet u l-manutenzjoni regolari ta' toroq lokali bħal din imsemmija hija tal-kunsilli lokali, dawn għandhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex ikomplu jagħmlu t-tiswijiet temporanji u manutenzjoni li kull triq tkun teħtieġ minn żmien għal żmien.
Seduta 31
11/10/2022

**ĦAL QORMI: TRIQ SAN EDWARDU - XOGĦLIJIET**

**2270. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li bosta residenti Qriema qed jilmentaw dwar l-istat ħażin f'parti minn Triq San Edwardu, f'Ħal Qormi, jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol fi Triq San Edwardu, f'Ħal Qormi? Jista' jgħid ukoll jekk saritx konsultazzjoni mar-residenti jew mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi dwar din il-materja?

19/07/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. Fil-lokalità ta' Ħal Qormi l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi Triq l-Għargħar 1979, Triq maġenb Triq il-Mitħna, Triq Dun G Cilia, Triq Ġorġ Zammit, Triq l-Imdina (lejn in-nofsinhar), Triq il-Poeżija, il-Bypass tal-Imrieħel u n-niżla li għall-mini ta' Santa Venera, Triq it-Tapizzara, Triq Angelo Borg, Triq in-Naħal, Triq l-Isqof Depasquale, Triq Ġorġ Borg, toroq bla isem f'Tal-Ħlas, f'Tal-Ħandaq, fil-limiti Tal-Ħammieri u ħdejn Triq il-Belt Valletta, Triq Għarrqam u Triq il-Ħarrub.

Bħalissa għaddej il-bini mill-ġdid ta' ħafna toroq oħrajn madwar il-pajjiż, fosthom Triq l-Imdina (lejn it-tramuntana), f'Ħal Qormi. It-triq indikata, Triq San Edwardu, hija fost it-toroq li se jinbnew mill-ġdid bħala parti minn din il-ħidma mifruxa fuq seba' snin. Fl-istess waqt, sakemm tinbena mill-ġdid, peress li r-responsabiltà tat-tiswijiet u l-manutenzjoni regolari ta' toroq lokali bħal din imsemmija hija tal-kunsilli lokali, dawn għandhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex ikomplu jagħmlu t-tiswijiet temporanji u manutenzjoni li kull triq tkun teħtieġ minn żmien għal żmien.

Seduta 31
11/10/2022

**ĦAŻ-ŻABBAR: TRIQ SAN LEONARDU - PARKEĠĠ**

**2271. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1488 u 1946 dwar Triq San Leonardu, Żabbar billi bil-konfigurazzjoni ġdida tagħha hemm inkonvenjent kbir lir-residenti kif ukoll perikolu lil min juża t-triq, tant li li seħħew inċidenti serji?

19/07/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta bniet mill-ġdid Triq San Leonardu, fix-Xgħajra, fuq disinn ġdid b'infrastruttura aktar sigura għal kull min jgħaddi minnha u anke ser issebbaħha bi strixxi ta' siġar u arbuxelli ġodda. Wara li tlestiet it-triq, ser tinbena wkoll mill-ġdid ir-roundabout.

L-aġenzija għamlet bankina fuq in-naħa tat-triq fejn qabel ma kienx hemm. Din il-bankina ġdida ġiet iddisinjata skont l-istandards applikabbli u l-linji gwida għall-aċċessibbiltà mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

It-triq qabel ma kellhiex spazji għall-parkeġġ definiti u l-ispazju tat-triq li oriġinarjament kien maħsub għall-bankina l-ġdida (li ma kinitx inbniet fil-passat) kien qed jintuża għall-parkeġġ fit-toroq.

Id-disinn il-ġdid tat-triq jinkludi l-bankina li kienet nieqsa u waqfiet ġodda għall-karozzi tal-linja biex b'hekk ittejjeb ukoll l-aċċess għat-trasport pubbliku. Ħoloq ukoll spazji ta' parkeġġ definiti kif sippost waqt li l-karreġġjata nżammet sigura b'żewġ korsiji. It-triq għad fiha spazji għall-parkeġġ fuq iż-żewġ naħat.

Biswit partijiet mill-bankina ġdida, Infrastructure Malta għamlet strixxi biex issebbaħ it-triq bit-tħawwil ta' 14-il siġra taċ-Ċipress u Ta' Ġuda, aktar minn 1,600 arbuxell u pjanti oħra. Dawn ser jikkontribwixxu għal ambjent imtejjeb tul din it-triq, filwaqt li tiżdied is-segregazzjoni bejn il-persuni li jgħaddu bil-mixi u l-karozzi. Is-siġar u l-arbuxxelli ġodda f'din it-triq se jissaqqew permezz ta' sistema ġdida ta' tisqija li se tkun imqabbda ma' ġibjun ġdid għall-ħażna tal-ilma tax-xita li l-aġenzija ser tibni taħt ir-roundabout tul l-istess triq, bħala parti mill-istess proġett.

Id-disinn il-ġdid tat-triq qed jistabbilixxi bilanċ bejn infrastruttura aktar sigura għal kull min jgħaddi minnha, dehra isbaħ permezz tas-siġar u l-arbuxelli kif ukoll jipprovdi spazji għall-parkeġġ siguri għar-residenti tal-inħawi. Il-bini mill-ġdid ta' din it-triq kien jinkludi wkoll pajipijiet ġodda tal-ilma kif ukoll cables ġodda taħt l-art biex tneħħew il-wires li kienu jaqsmu min-naħa għal oħra u dwal ġodda tat-triq.

Seduta 31
11/10/2022

**MFSA – ĦRUĠ TA' DIRECT ORDER GĦALL-KIRI TA' UFFIĊINI U CAR GARAGE SPACES**

**2294. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Fid-dawl li l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) ħarġet direct order ta' madwar €1.1 miljun biex tikri xi uffiċini u car garage spaces, jista' l-Ministru jispjega għalfejn ġie approvat dan id-direct order minflok ma nħarġet sejħa għall-offerti biex l-MFSA tkun f'pożizzjoni li ġġib prezzijiet aktar kompetittivi?

01/08/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi f'din il-Proċedura Negozjata, intużat il-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-Gvern, fejn l'Awtorità sostniet l'użu mill-Avviż Legali, 352 (2016) regolament 154 (1) (a), li jirreferi għal regolament 151 (b) (ii) li jistipula: ma jkunx hemm kompetizzjoni minħabba raġunijiet tekniċi;
L'Awtorità talbet din il-Proċedura Negozjata għal dawn ir-raġunijiet:
1. L'Awtorità ilha tikri il-bini biswit, kif ukoll interkonness mal-uffiċini prinċipali tagħha, mis-sena 2017, biex tkopri l-bżonn ta' iktar spazju maż-żieda fit-tkabbir fin-numru ta' impjegati, u għaldaqstant l'Awtorità investiet sostanzjalment f'dawn l-istess uffiċini.

2. B'din il-Proċedura Negozjata, l'Awtorità estendiet il-kirja eżistenti għal tliet snin oħra, minn Awwissu 2023, sabiex tiżgura kontinwità fl-operat tagħha.

Seduta 31
11/10/2022

**KUMMISSJONI EWROPEA –FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA – PJAN IPPREŻENTAT MINN MALTA**

**2295. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Wara li Malta kienet ippreżentat pjan lill-Kummissjoni Ewropea li jikkonsisti fi 17-il investiment u 30 riforma li kienu se jiġu ko-finanzjati bl-ammont ta' €316.4 miljun f'fondi taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), jista' l-Ministru jipprovdi b'mod dettaljat l-aħħar żviluppi dwar il-progress li sar u l-proġetti li ġew implimentati vis-à-vis dawn l-investimenti u r-riformi msemmija u jekk Malta tinsabx on time fuq l-iskeda ta' implimentazzjoni (timeline of completion) ta' dawn l-investimenti u r-riformi maqbula mal-Kummissjoni Ewropea?

02/08/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 31
11/10/2022

**TEATRU MANOEL - IMPJEGATI**

**2376. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru:
a. Jgħid kemm hemm nies impjegati jaħdmu fi ħdan it-Teatru Manoel;
b. Jgħid x'inhu t-titlu tax-xogħol ta' kull wieħed minn dawn l-impjegati;
c. Jgħid x'inhuma l-kompetenzi u l-kwalifiki li għandhom abbinati ma' xogħolhom; u
d. Jagħti rendikont tas-salarji ta' kull impjegat?

19/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li preżentament, it-Teatru Manoel jimpjega 32 ħaddiem, li jinkludu l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv u l-Uffiċjal Kap tal-Operazzjonijiet. Id-dettalji mitluba jinsabu fid-dokument li qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 31
11/10/2022

**TEATRU MANOEL – BORD TAT-TMEXXIJA**

**2377. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Peress li bħalissa t-Teatru Manoel ma għandux direttur artistiku, jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-politika (policy) tal-bord tat-tmexxija fil-preżent? Meta ġie appuntat dan il-bord tat-tmexxija? X'kienu l-kriterji prinċipali tas-selezzjonijiet tal-programm ta' din is-sena? Min iddeċieda u għażel l-avvenimenti/programm ta' din is-sena?

19/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-Bord ġie appuntat din is-sena u huwa magħmul minn 11-il membru. Il-maġġor parti tal-produzzjonijiet teatrali li kienu u li qed jiġu mtella' fit-Teatru minn meta nfetaħ, wara li kien ingħalaq minħabba r-regolamenti tas-saħħa pubblika dwar il-Covid-19, kienu approvati mill-Board Maniġerjali ta' qabel u mid-Direttur Artistiku li kellu t-Teatru dak iż-żmien. Dawn il-produzzjonijiet teatrali kellhom jiġu posposti minħabba ċ-ċirkostanzi tal-pandemija, madankollu t-Teatru żamm l-impenn li kien ħa sabiex itellagħhom wara li jitneħħew ir-restrizzjonijiet.

Sakemm jiġi ingaġġat Direttur Artistiku ġdid, is-Senior Management tat-Teatru qed jipproponi produzzjonijiet artistiċi, flimkien mal-ispejjeż li jinvolvu, għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Board Maniġerjali. Is-Senior Management huwa kompost mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, mis-Senior Manager tal-avvenimenti u l-produzzjonijiet, mill-Koordinatur tat-ToiToi (pjattaforma performattiva intiża għaż-żgħażagħ) u mill-Assistent Direttur għall-Marketing.

Irrid ngħid ukoll li s-sejħa għal Direttur Artistiku se toħroġ fil-jiem li ġejjin.

Seduta 31
11/10/2022

**TEATRU MANOEL – INIZJATTIVI PRIVATI**

**2378. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid:
a. X'kien id-dħul totali li daħħal minn inizjattivi privati fis-sena 2021 u s'issa għal din is-sena 2022 għat-Teatru Manoel?
b. X'persentaġġ tal-budget għat-Teatru Manoel mar għas-salarji tal-ħaddiema għas-sena 2021 u anke għal din is-sena?
c. Kemm hija l-figura totali mill-budget li tmur għas-salarji tal-ħaddiema?
d. X'inhu l-persentaġġ tal-infiq fuq programmi artistiċi u kemm hi l-figura totali tas-sena 2021 u dik ta' din is-sena s'issa?
e. X'inhu d-dħul totali derivat minn inizjattivi privati?

19/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi l-kiri tat-teatru għal wirjiet ta' partijiet terzi għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2020 sal-31 ta' Awwissu 2021 ammontaw għal €1,500 (awditjati) u għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2021 sal-31 ta' Awwissu 2022 ammontaw għal €90,998 (mhux awditjati). Ta' min jinnota li matul il-perjodu mill-1 ta' Settembru 2020 sal-31 ta' Awwissu 2021, it-Teatru Manoel kellu jagħlaq il-bibien tiegħu jew jopera b'udjenza mnaqqsa kif ordnat mis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika.

Infurmat illi l-ispejjeż tal-ħaddiema għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2020 sal-31 ta' Awwissu 2021 ammontaw għal €746,620 (awditjati) u għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2021 sal-31 ta' Awwissu 2022 ammontaw għal €795,113 (mhux awditjati). Dawn ammontaw għal 42% (ibbażat fuq baġit ta' €1.78m) u 53% (ibbażat fuq baġit ta' €1.50m) tal-baġit allokat rispettivament.

L-ispejjeż diretti għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2020 sal-31 ta' Awwissu 2021 ammontaw għal €318,664 (awditjati) u għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2021 sal-31 ta' Awwissu 2022 ammontaw għal €447,220 (mhux awditjati).

Seduta 31
11/10/2022

**TEATRU MANOEL – MIŻATI TAL-KIRI**

**2379. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kif jiġu kkalkulati l-miżati tal-kiri lill-kumpaniji kreattivi privati u kumpaniji kummerċjali ġewwa t-Teatru Manoel? X'inhuma? Jista' jgħid jekk hemmx miżati fissi, u jekk le, kif u min jiddeċiedi?

19/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-Teatru Manoel jitlob rati ta' kiri għal kull jum ta' produzzjoni u għal kull jum ta' prestazzjoni. Dawn ir-rati ta' kiri jinkludu servizzi oħra minbarra l-kiri tal-palk prinċipali, l-awditorju u l-kmamar ta' fejn ibiddlu.
Ir-rata ta' kiri għal jum ta' produzzjoni tinkludi wkoll (i) assistenza minn ħaddiema tat-Teatru biex wieħed jidħol, itella' l-palk, jippjana l-provi u jwettaq sound checks, (ii) is-servizzi ta' tekniku tad-dwal, (iii) il-preżenza ta' mill-inqas membru wieħed ta' stage crew, (iv) tindif, u (v) il-konsum tal-elettriku u l-użu tad-dwal tal-palk. Dawn jiswew €700 flimkien mal-VAT kull jum ta' produzzjoni.
Ir-rata ta' kiri għal jum ta' prestazzjoni tinkludi s-servizzi kollha pprovduti matul il-ġranet tal-produzzjoni kif ukoll is-servizzi ta' (i) ħaddiema front-of-house, inkluż persuna li tieħu ħsieb il-box offices, (ii) ħaddiema tal-box office, (iii) duty manager, u (iv) ħaddiema tas-sigurtà. Dawn jiswew €1,950 flimkien mal-VAT għal kull prestazzjoni.
Barra minn hekk, minkejja li huwa bini ta' 300 sena li jeħtieġ spejjeż għoljin ta' manutenzjoni biex jibqa' għaddej, it-Teatru jonfoq l-akbar parti tal-ispejjeż tiegħu biex iwettaq l-attivitajiet, flimkien ma' żidiet fl-operat sa fejn hu possibbli.
It-Teatru Manoel jaħdem bis-sħiħ biex iżomm l-ispejjeż tiegħu u jopera fil-baġit allokat. It-Teatru qed jesplora wkoll kontinwament opportunitajiet għal sorsi oħra ta' dħul, jiġifieri permezz ta' sponsorships korporattivi u ftehimiet ta' kollaborazzjoni. B'kollox, dawn l-isforzi jikkontribwixxu biex jinżammu rati ta' kiri li huma raġonevoli.

Seduta 31
11/10/2022

**VALLETTA CULTURAL AGENCY – DIRETTUR ARTISTIKU TAL-KUNĊETT STRADA STRETTA**

**2380. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kif intgħażel id-direttur artistiku tal-kunċett Strada Stretta mal-Valletta Cultural Agency? Jista' jgħid jekk kienx hemm call for applications? Jekk intgħażel minn xi bord, min kienu n-nies fuq il-bord? X'budgets u riżorsi se jingħata? X'inhuma l-kompetenzi tiegħu f'din il-kariga? Se jkun qiegħed ibbażat Malta biex jagħmel dan ix-xogħol?

19/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li d-Direttur Artistiku ta' Strada Stretta intagħżel mill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta abbażi tal-kompetenzi tiegħu fil-qasam kulturali fuq karriera ta' madwar erbgħin sena. Iktar dettall dwar dawn il-kompetenzi jinab fid-dokument li qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Minħabba li l-Programm ta' Strada Stretta jagħmel parti mill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, ser jingħata r-riżorsi tal-Aġenzija. Għall-istess raġuni, l-budget ser ivarja skont l-allokazzjoni li tingħata l-istess Aġenzija ta' kull sena.

Seduta 31
11/10/2022

**KUNSILL NAZZJONALI GĦALL-PATRIMONJU KULTURALI**

**2381. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jiġi appuntat il-Kunsill Nazzjonali għall-Patrimonju Kulturali, kif mitlub mill-artikolu 12 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445)?

19/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kunsill Nazzjonali għall-Patrimonju Kulturali jinsab fil-proċess li jiġi maħtur, liema proċess se jkun finalizzat fil-jiem li ġejjin u dan in osservanza tal-kriterji tal-ħatra indikati fl-artikolu 12 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445).

Seduta 31
11/10/2022

**IL-MOSTA – TRIQ BUQANA – PARKEĠĠ GĦAL BDIEWA**

**2407. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern jistax jieħu l-passi meħtieġa biex fi Triq Buqana, limiti tal-Mosta, fit-triq lejn l-Imġarr fejn fuq in-naħa tal-lemin tat-triq hemm bankina u cycling lane quddiem entraturi tal-għelieqi tal-bdiewa, jingħata permess ta' temporary parking fis-cycling lane jew isir xogħol biex jinstab spazju għall-parkeġġ ta' vetturi tal-bdiewa li jkunu meħtieġa biex iġorru inġenji jew tgħabija għall-użu tal-istess bdiewa sidien ta' raba' u dan għaliex illum il-bdiewa ma għandhom l-ebda opportunità li jużaw il-vetturi tagħhom biex ikun possibbli li jaħdmu r-raba' tagħhom?

19/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tat-Trasport se tkun qed tiddiskuti internament is-sitwazzjoni li qegħdin jiltaqgħu magħha il-bdiewa fi Triq Buqana sabiex, filwaqt li tibqa' tħares is-sigurtà fit-toroq, tara wkoll li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti għal kulħadd.

Seduta 31
11/10/2022

**EDUCATIONAL PSYCHOLOGIST ASSESSMENT**

**2446. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi twila l-waiting list biex isir educational psychologist assessment li jwassal, f'każ ta' bżonn, li student ikollu LSE?

26/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lil-Onor. Interpellant illi minn naħa tal-Ministeru għas- Saħħa ma hemm l-ebda *waiting list għal assessment psikologoku sabiex tiġi stabbilita l-ħtiega ta' LSE.*

Seduta 31
11/10/2022

**PSIKOLOGI FIS-SETTUR TAS-SAĦĦA PUBBLIKA**

**2447. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il psikologu hemm jaħdmu fis-settur tas-saħħa pubblika u fejn jaħdmu bħala dipartimenti?

26/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fis-settur tas-saħħa pubblika hemm 74 psikologu jaħdmu. It-tabella mehmuża tindika fejn huma stazzjonati

| | Managing Psychologist | Principal Psychologist | Senior Psychologist | Psychologist | Psychology Practitioner | Psychology Assistant | Total Per Section |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mount Carmel Hospital | 2 | 3 | 4 | 10 | 9 | 15 | 43 |
| Mater Dei Hospital | 1 | 1 | 2 | 2 | 5 | 9 | 20 |
| Central Procurement Supplies | | | | | | 1 | 1 |
| Gozo General Hospital | | | 2 | | | 1 | 3 |
| Office of the Chief Medical Officer | | | | | | 1 | 1 |
| Sir Anthony Mamo Oncology Centrew | | 1 | 1 | | 1 | | 3 |
| Rehab Hospital Karen Grech | | | 1 | | 1 | 1 | 3 |

Seduta 31
11/10/2022

**TAĦRIĠ F'PSYCHO EDUCATION**

**2448. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il uffiċjal edukattiv fis-settur pubbliku ngħata taħriġ f'psycho education u liema professjonijiet ingħataw dan il-kors? Meta ser jerġa' jsir dan it-taħriġ u għal min ser ikun immirat?

26/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kien hemm 1126 edukatur f'livelli differenti mis-servizz pubbliku li ngħataw taħriġ minn National School Support Services (NSSS). Dan it-taħriġ huwa proċess kontinwu u jkun offrut b'mod regolari.

Seduta 31
11/10/2022

**FTUĦ TAĊ-ĊENTRI TAS-SAĦĦA 24/7**

**2449. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx pjan li fil-futur qarib jibdew jinfetħu aktar ċentri tas-saħħa 24/7 u li jkun hemm preżenti tobba 24/7? Liema huma u minn meta?

26/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi fl-ewwel 6 xhur tas-sena 2023 se jinfetaħ Ċentru Vincent Moran ġewwa Raħal Ġdid u dan se jagħti servizz 24/7.

Seduta 31
11/10/2022

**NATIONAL MENTAL HEALTH STRATEGY 2020-2030 - PROĠETT TA' SPTAR ĠDID**

**2450. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid f'liema stadju wasal il-proġett ta' sptar ġdid ta' 120 sodda qrib l-Isptar Mater Dei għat-terapija akuta fil-qasam tas-saħħa mentali li kien imwiegħed fil-punt 4.4.4 tan-*National Mental Health Strategy 2020-2030* mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa?

26/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'Awissu ta' din is-sena ġie *awarded* il-kuntratt għat-tfassil tat-*tender* tal-isptar akut tal-psikjatrija. L-art fejn se jinbena dan l-isptar diġa għaddiet mill-Lands Department għad- Dipartiment tas-Saħħa.

Seduta 31
11/10/2022

**FORMOLARJU TAL-MEDIĊINI – ŻIEDA TA' MEDIĊINI LI JINTUŻAW FIL-QASAM TAL-PSIKJATRIJA**

**2451. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il mediċina li tintuża fil-qasam tal-psikjatrija ġiet miżjuda fil-formolarju tal-Gvern wara l-wegħda li saret fid-19 ta' Ottubru 2020 mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa? Jista' jagħti lista ta' dawn il-medicini?

26/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi zewg mediċini ġodda għall-uzu fil-qasam tal-psikjatrija bħalissa qegħdin fil-proċess biex joħrog it-tender.

Seduta 31
11/10/2022

**ĊIMITERJU TAL-ANNIMALI – ŻVILUPPI**

**2479. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar il-progress u l-aħħar żviluppi fil-bini taċ-Ċimiterju tal-Annimali, u jgħid jekk għadux mistenni li jitlesta sal-aħħar ta' din is-sena?

26/09/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ċ-ċimiterju għall-annimali se jkun qed jitwettaq matul din il-leġiżlatura, hekk kif imfisser ukoll fil-manifest elettorali approvat mill-maġġoranza assoluta tal-poplu nhar is-26 ta' Marzu li għadda.

Seduta 31
11/10/2022

**L-IMĠARR MALTA – DIREZZJONI LEJN IL-MOSTA**

**2480. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jispjega għalfejn bħalissa fl-Imġarr biex tmur minn Triq l-Imġarr għal Triq Sir Temi Zammit, direzzjoni lejn il-Mosta, wieħed irid ikollu jieħu dawra u jdur mar-roundabout 'il fuq mit-tempji ta' Skorba u l-knisja taż-Żebbiegħ, meta qabel kien iktar faċli li jsir dan u hemm metodi effiċjenti biex jiġi ffrankat dan id-dewmien żejjed?

26/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għamlet proġett b'investiment ta' madwar €6 miljun għal aktar sigurezza fi Triq l-Imġarr, ir-rotta prinċipali bejn il-Mosta u l-Imġarr. Din it-triq twila 3 kilometri, li hija wkoll waħda mir-rotot ewlenin lejn in-naħa ta' fuq (tramuntana) ta' Malta u li ħafna jirreferu għaliha bħala l-Bypass tal-Imġarr, qabel kienet magħmulha minn karreġġjata waħda b'korsija lejn kull direzzjoni, u bankina wiesgħa fuq naħa li kienet tintuża wkoll bħala korsija għar-roti minkejja li kienet pavimentata.

Qabel it-triq ma kien fiha xejn biex jiġu evitati ħabtiet frontali bejn vetturi li jkunu ġejjin kontra xulxin. F'diversi partijiet minnha spiss kienu jseħħu aċċidenti u tul is-snin ġraw diversi ħabtiet fiha li kelllhom konsegwenzi serji, l-iżjed minħabba nuqqas ta' miżuri li jiskoraġġixxu s-sewqan eċċessiv u li vettura taqla' lil oħra.

Wara diversi appelli li sarulha kemm minn membri tal-pubbliku li spiss jużaw din it-triq, mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr u saħansitra minn paramediċi, Infrastructure Malta fasslet proġett biex ittejjeb is-sigurezza ta' din it-triq u tnaqqas ir-riskji t'aċċidenti f'din ir-rotta bejn l-Imġarr u l-Mosta. Minbarra li bniet it-triq mill-ġdid kif ukoll il-bankina t-tul kollu tagħha biex tejbet l-aċċess għal min jgħaddi minnha bil-mixi, l-aġenzija ħolqot żewġ karreġġjati separati billi poġġiet bollards u barrikati ġodda li jifirdu l-korsiji li baqgħu waħda f'kull direzzjoni. Dawn il-barrikati jnaqqsu r-riskji li vetturi jinqalbu jew jaħbtu ma' vetturi ġejjin mid-direzzjoni opposta, u b'hekk inaqqsu r-riskji ta' ġrieħi serji. Barra minn hekk, it-triq issa għandha wkoll korsija speċifikament għar-roti fuq kull naħa.

Biex jittejjeb l-aċċess f'din it-triq saru wkoll punti ta' qsim għal min jgħaddi minnha bil-mixi, kif ukoll inbniet roundabout ġdida fil-junction mat-triq li twassal għall-inħawi ta' L-Imselliet biex tipprovdi konnessjonijiet aktar siguri lejn iż-żewġ skejjel li hemm f'din iż-żona billi servi wkoll bħala miżura oħra għat-trażżin fis-sewqan.

L-istess proġett kien jinkludi wkoll titjib simili għal aktar sigurezza anke fi Triq Sir Temi Zammit fejn saret roundabout oħra fil-junction ma' Triq il-Ħżejjen, kif ukoll infetħet triq li kienet skemata li tgħaqqad din it-triq ma' Triq iż-Żebbiegħ. L-iskema implimentata tal-ġestjoni tat-traffiku, kif approvata minn Transport Malta, hija maħsuba biex tipprijoritizza l-influss prinċipali tat-traffiku u tnaqqas il-konġestjoni fil-ħruġ mill-Imġarr għal Triq Sir Temi Zammit.

B'hekk, dawk li jkunu qed jivjaġġaw lejn it-tramuntana tul Triq Sir Temi Zammit jistgħu jipproċedu għall-Bypass tal-Imġarr jew jibqgħu għaddejjin fl-istess triq, mingħajr ebda ostaklu minn traffiku li jaqsam biex imur fid-direzzjoni tan-nofsinhar. Kull min ikun ħiereġ mill-Imġarr lejn in-nofsinhar jista' jingħaqad mat-traffiku lejn it-tramuntana, imbagħad jibdel id-direzzjoni fir-roundabout ġdida li saret aktar 'il fuq. Bħala miżura oħra ta' sigurtà f'din iż-żona wkoll tpoġġew bollards biex jiggwidaw it-traffiku u hekk jkun evitat li jsir qsim. Għalkemm hija ftit itwal, din ir-rotta hija ferm aktar sigura u effiċjenti waqt li naqqset ir-riskji t'aċċidenti li kien hemm qabel biex wieħed joħroġ mil-Imġarr għal Triq Sir Temi Zammit.

Seduta 31
11/10/2022

**PROĠETTI INFRASTRUTTURALI – SIĠAR**

**2481. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il siġra ġiet maqlugħa biex isiru proġetti infrastrutturali s'issa fis-sena 2022? Kemm tħawlu siġar ġodda minflok dawk li nqalgħu f'dawn il-proġetti? Mis-siġar li nqalgħu biex jerġgħu jitħawlu f'postijiet oħrajn, kemm ġew salvati?

26/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull meta jkun hemm ħtieġa li jitneħħew siġar minħabba infrastruttura pubblika ġdida, Infrastructure Malta tikkollabora mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) sabiex tikseb il-permessi meħtieġa u tiżgura li l-impatt ambjentali jkun l-inqas possibbli. L-aġenzija tagħmel l-almu tagħha biex siġar li jkollhom jitneħħew, sakemm ma jkunux speċi aljeni u invażivi, terġa' tħawwilhom fl-istess inħawi u fejn dan ma jkunx possibbli jerġgħu jitħawlu f'postijiet oħra. Apparti siġar li ma kienux speċi indiġeni u protetti, din is-sena kellhom jinqalgħu 58 siġra li mbagħad reġgħu tħawlu mill-ġdid ħafna minnhom f'postijiet oħra fl-istess inħawi u l-aġenzija għadha tieħu ħsiebhom biex tiżgura li jibqgħu jikbru.

L-ERA tobbliga wkoll lill-aġenzija sabiex bħala kumpens, tħawwel għadd ta' siġar għal kull waħda li titneħħa, kif stipulat fil-liġijiet ambjentali. Madankollu, Infrastructure Malta tagħmel aktar minn hekk, għaliex tħawwel ferm aktar siġar minn kemm tkun obbligata li tagħmel. Fil-fatt, fl-aħħar tliet snin, l-aġenzija ħawlet mal-44,000 siġra u 40,000 arbuxell u pjanti oħrajn f'postijiet urbani u rurali differenti madwar il-pajjiż. Din il-ħidma ambjentali saħansitra kienet tinkludi l-ħolqien ta' tliet imsaġar ġodda, wieħed f'Bengħajsa, Birżebbuġa ħdejn il-Malta Freeport, ieħor fejn qabel kien hemm niżla wiesgħa li kienet tgħaqqad Triq Reġjonali ma' Triq il-Wied tal-Imsida u masħar madwar id-dar tal-Komunità Terapewtika Residenzjali San Blas, f'Ħaż-Żebbuġ, li titmexxa minn Caritas Malta. L-aġenzija qed tiżgura wkoll is-servizzi meħtieġa sabiex dawn l-eluf ta' siġar jibqgħu jissaqqew u jiġu kkurati għal numru ta' snin, sakemm jaqbdu sew fl-ambjent ġdid tagħhom.

Seduta 31
11/10/2022

**DATABASE TAL-ENTITAJIET GOVERNATTIVI**

**2482. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk l-entitajiet tal-Gvern għandhomx database bl-informazzjoni synced flimkien, jew inkella l-informazzjoni trid tgħaddi għand kull entità b'mod separat? Jekk persuna tibdel l-indirizz tad-dar mal-Identity Malta, din l-informazzjoni tgħaddi għand dipartimenti oħrajn, bħad-Dipartiment tat-Taxxa, b'mod awtomatiku, jew trid tinforma lid-dipartimenti kollha b'mod separat?

26/09/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab nfurmat li l-informazzjoni li jagħti l-klijent lil xi entità governattiva ma titqassamx awtomatikament ma' kull dipartiment jew entità oħra minħabba kunsiderazzjonijiet varji fosthom dawk legali. Madankollu kull dipartiment/entità li jkollha bżonn tali informazzjoni għandu aċċess għal common database li fihom isib din informazzjoni aġġornata li jkun għadda l-klijent.

Seduta 31
11/10/2022

**ĦAL FAR – PROĠETT TAT-TRAKKA TAL-KAROZZI - KONSULTAZZJONI**

**2483. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid ma' min saret konsultazzjoni, inkluż NGOs, fuq il-proġett tat-trakka tal-karozzi f'Ħal Far?

26/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 31
11/10/2022

**KIRJIET AGRIKOLI – WHITE PAPER**

**2490. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid meta se tkun ippreżentata l-White Paper dwar il-liġijiet fuq il-kirjiet agrikoli li kellha titnieda aktar kmieni din is-sena?

26/09/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkoncernat.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2576. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk itteħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

30/09/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi hemm persuna waħda li waslet għall-età tal-irtirar u qed jittieħdu l-miżuri li hemm bżonn sabiex il-ħidma tal-entità tibqa' għaddejja.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2577. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk itteħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2578. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk itteħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

30/09/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemm ħadd kif indikat fil-mistoqsija tiegħu.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2579. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk itteħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

30/09/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm persuna waħda biss li tmexxi entità li waslet għall-età tal-irtirar. F'dan il-każ, skont il-liġi tal-entità stess, hija deskrizzjoni tal-Bord tal-entità li jiddeċidi fuq l-individwu li jmexxi l-entità.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2580. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk itteħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

30/09/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li bħalissa hemm CEO wieħed li wasal għal-irtirar. Dan hu l-Prof. Anthony Serracino Inglott, CEO tal-Malta Medicines Authority. Madankollu ttieħdu passi biex ikun hemm succession plan biex il-ħidma tibqa' għaddejja mingħajr skossi.

Seduta 31
11/10/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2581. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk itteħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

30/09/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab nfurmat li hemm persuna waħda f'dawn l-vesti li hi Chairperson ta'entita u li hija 'il fuq mill-eta' tal-irtirar.

Seduta 31
11/10/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR: TRIQ IL-MOSTA - ĦOFOR**

**2642. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Billi fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar u fis-service road tal-istess triq sad-data li fiha qegħda ssir din il-mistoqsija parlamentari hemm numru ta' ħofor li jeħtieġu attenzjoni minħabba l-periklu li qed jiġġeneraw, jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex dan il-periklu jitneħħa mill-aktar fis?

30/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li l-ħofriet li ġew identifikati mill-Kunsill biex isir 'patching' bil-'cold asphalt' fi Triq il-Mosta jew is-service road ġew irranġati x-xahar li għadda.

Seduta 31
11/10/2022

**SKEJJEL PRIMARJI – INGAĠĠ TA' GĦALLIEMA TAL-ISPANJOL**

**2652. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu għalliema regolari (mhux supply) ġodda fl-iskejjel tal-primarja u li din is-sena skolastika se tkun l-ewwel sena li qed jgħallmu l-Ispanjol?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ispanjol ma jiġix mgħallem fil-Primarja.

Seduta 31
11/10/2022

**SKEJJEL PRIMARJI – INGAĠĠ TA' GĦALLIEMA TAL-ARTI**

**2653. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu għalliema regolari (mhux supply) ġodda fl-iskejjel tal-primarja u li din is-sena skolastika se tkun l-ewwel sena li qed jgħallmu l-Arti?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġew ingaġġati żewġ (2) għalliema ġodda (mhux supplimentari) tal-Arti biex jgħallmu fil-Primarja.

Seduta 31
11/10/2022

**SKEJJEL PRIMARJI – INGAĠĠ TA' GĦALLIEMA TAS-C3**

**2654. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu għalliema regolari (mhux supply) ġodda fl-iskejjel tal-primarja u li din is-sena skolastika se tkun l-ewwel sena li qed jgħallmu s-C3?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemmx għalliema regolari tas-C3 li ġew ingaġġati biex jgħallmu fil-primarja.

Seduta 31
11/10/2022

**SKEJJEL PRIMARJI – INGAĠĠ TA' GĦALLIEMA TAL-HOME ECONOMICS**

**2655. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu għalliema regolari (mhux supply) ġodda fl-iskejjel tal-primarja u li din is-sena skolastika se tkun l-ewwel sena li qed jgħallmu l-Home Economics?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Home Economics ma jiġix mgħallem fil-Primarja.

Seduta 31
11/10/2022

**KLASSIJIET TAL-PRIMARJA – GĦALLIEMA FISSI**

**2656. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn klassijiet tal-primarja li ma għandhomx għalliem fiss għall-klassi?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 31
11/10/2022

**SWALI TA' SKEJJEL UŻATI BĦALA MĦAŻEN GĦAL MATERJAL TAL-COVID**

**2657. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-iskejjel li bħalissa għandhom is-swali tagħhom użati bħala mħażen għall-materjal tal-COVID? Jista' jgħid meta dawn ser ikunu qed jitbattlu u jingħataw lura lill-iskejjel?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din it-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 31
11/10/2022

**KORP TAL-PULIZIJA - MEMBRI**

**2689. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il membru kien hemm fil-Korp tal-Pulizija għal dawn l-aħħar 30 sena, għal kull sena rispettiva?

03/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' membri li kien hemm fil-Korp tal-Pulizija kull sena f'dawn l-aħħar tletin sena, huwa kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt:

| Sena | Uffiċjali (Sworn Officers) | Pajzana (Civilians) | Total | Sena | Uffiċjali (Sworn Officers) | Pajzana (Civilians) | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1993 | 1636 | 136 | 1772 | 2008 | 1884 | 137 | 2021 |
| 1994 | 1730 | 136 | 1866 | 2009 | 1847 | 128 | 1975 |
| 1995 | 1803 | 101 | 1904 | 2010 | 1918 | 125 | 2043 |
| 1996 | 1858 | 95 | 1953 | 2011 | 1923 | 123 | 2046 |
| 1997 | 1800 | 98 | 1898 | 2012 | 1902 | 118 | 2020 |
| 1998 | 1756 | 158 | 1914 | 2013 | 1942 | 120 | 2062 |
| 1999 | 1734 | 174 | 1908 | 2014 | 2155 | 113 | 2268 |
| 2000 | 1718 | 171 | 1889 | 2015 | 2162 | 105 | 2267 |
| 2001 | 1768 | 165 | 1933 | 2016 | 2194 | 101 | 2295 |
| 2002 | 1797 | 159 | 1956 | 2017 | 2269 | 104 | 2373 |
| 2003 | 1845 | 168 | 2013 | 2018 | 2289 | 102 | 2391 |
| 2004 | 1775 | 123 | 1898 | 2019 | 2281 | 98 | 2379 |
| 2005 | 1789 | 102 | 1891 | 2020 | 2243 | 101 | 2344 |
| 2006 | 1755 | 140 | 1895 | 2021 | 2116 | 160 | 2276 |
| 2007 | 1933 | 142 | 2075 | 2022 | 2152 | 169 | 2321* |

*Jinkludi sitta' u ħamsin (56) rekluta, li huma mistennija jieħdu l-ġurament fit-18 ta' dan ix-xahar.

Seduta 31
11/10/2022

**MEWT TA' TIFEL - INVESTIGAZZJONI**

**2690. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-mewt tat-tifel li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament qattx ġiet investigata u jekk għadhiex qiegħda tiġi investigata? Jista' jikkonferma jekk qabel il-mewt kienx hemm xi rapporti ma' xi awtoritajiet jew entitajiet tal-Gvern dwaru?

03/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Ministru ma jkunx infurmat bl-investigazzjonijiet.

Seduta 31
11/10/2022

**MARSA – GĦOTJA TA' TITLU TA' BELT KULTURALI - PROĠETTI U NEFQA**

**2691. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'sar bħala proġetti u kemm-il Ewro ntefaq fil-proġett tal-għotja tat-titlu Belt Kulturali lill-Marsa?

03/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lokalità tal-Marsa ġiet magħżula fl-2021 biex tkun il-Belt Kulturali għall-2022 u b'hekk isir programm kulturali li jkopri s-sena kollha u jingħata finanzjament speċjali mill-Ministeru fl-ammonti li diġà ġew ippubblikati.

Dawn l-attivitajiet għandhom ukoll l-għan li jitfgħu dawl fuq diversi aspetti storiċi ta' din il-lokalità u tingħata pjattaforma sabiħa għat-talent artistiku kemm fil-Marsa u lil hinn.

Informazzjoni dwar proġetti li saru u l-ammonti relattivi tinsab hawn taħt:

| **Isem tal-Attivita'** | **Deskrizzjoni** | **Perjodu tal-Attivita'** |
|---|---|---|
| **Ftuħ tal-Belt Kulturali 2022.** | Ftuħ uffiċjali quddiem il-Knisja tas-Ssma Trinita'. Serata mu¿iko-letterarja f'atmosfera ta' festa bis-sehem tal-maġġoranza tal-għaqdiet tal-lokal, u talenti Marsin u nazzjonali. | Jannar 2022 |
| **Attivita' tal-Karnival.** | Organizzata mal-iskola Primarja San Ġorġ Preca – l-istudenti ġew mistiedna joħolqu karru jew maskra ¿għir b'mod innovattiv bl-użu tal-materjal irriċiklat. Esebizzjoni ta' dan ix-xogħol tal-istudenti saret fil-binja tal-kunsill. L-istudenti ingħataw ktieb tal-parteċipazzjoni. | Frar 2022 |
| **Platti tradizzjonali tal-melħ u ross.** | Esebizzjoni u attivita' 'hands on' fejn tfal mill-Proġett Tbissima ngħataw iċ-ċans li joħolqu platti bil-melħ ikkulurit b'mod profan. Il-platti ġew esebiti waqt il-wirja propja fejn bl-għajnuna tal-fondi tal-Belt Kulturali itellgħet il-wirja l-kbira. | Marzu 2022 |
| **Esebizzjoni ta' Arti dwar il-lokal.** | Artisti Marsin/Maltin/Barranin esebixxew xogħol oriġinali ta' xi tfisser il-Marsa għalihom u r-relazzjoni li għandhom mal-lokal. | April 2022 |
| **Breakfast on the bridge.** | Fuq bridge, sar breakfast għal kulħadd fejn kull min kien għaddej minn hemm kien mistieden jingħaqad magħna. Kunsilli ġirien ġew mistiedna, u l-għaqdiet kollha tal-lokalitajiet viċini flimkien mal-kommunita'. | Mejju 2022 |
| **Festa tal-Għana Maltija.** | B'kollaborazzjoni mal-Għaqda Festi Esterni Marija Reġina, u l-Banda Marija Reġina saret lejla Marsija quddiem il-Knisja ta' Marija Reġina flimkien ma' serata ta' għana u mu¿ika Maltija. | Lulju 2022 |
| **Il-festa tal-Akbar Titulari fil-belt kulturali 2022.** | Festa kbira fejn bil-permess tal-kurja ħriġna ¿-¿ewġ vari f'purċissjonijiet separati li ingħaqdu flimkien f'quddiesa waħda fi Pjazza Magri. Din l-attivita' nvolviet l-għaqdiet kollha tal-Marsa, ta¿-¿ewġ parroċċi. Attivita' ta' suċċess kbir u li ħalliet isem tajjeb tal-lokal tagħna. | Settembru 2022 |

| | |
|---|---|
| **Total ta' nefqa s'issa** | **€85,314.65** |

Seduta 31
11/10/2022

**KUNSILLI LOKALI LI JOPERAW MINN BINJIET LI MHUX AĊĊESSIBBLI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**2692. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il Kunsill Lokali hawn li jopera f'binja li mhix aċċessibbli għall-persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti, f'kull livell tal-binja?

03/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 31
11/10/2022

**KEJL TAL-LIVELLI TAL-BAĦAR**

**2693. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti l-kejl tal-livelli tal-baħar f'dawn l-aħħar għaxar snin?

03/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 31
11/10/2022

**KEJL MEDJU TA' TEMPERATURI**

**2694. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti l-kejl medju ta' temperaturi għax-xhur kollha tas-sena rispettivament, għal dawn l-aħħar għaxar snin?

03/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 31
11/10/2022

**MEDIĊINA XERALTO**

**2698. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti tagħrif dwar meta hu mistenni li l-pazjenti kollha li huma ordnati li jieħdu l-mediċina Xeralto minħabba xi kundizzjoni li għandhom, ikunu jistgħu jieħdu din il-mediċina b'xejn, irrispettivament mid-doża li jridu jieħdu? S'issa kemm hu n-numru ta' persuni li qed jieħdu din il-mediċina bla ħlas? X'inhi r-raġuni għala mhux il-pazjenti kollha li huma ordnati jieħdu din il-mediċina qegħdin jingħataw din il-mediċina bla ħlas? Kemm hu n-numru ta' persuni li talbu li jingħataw din il-mediċina bla ħlas iżda din mhux tingħatalhom?

03/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi bħalissa hemm 4081 persuna li qed jieħdu din il-mediċina bla ħlas. Kull min hu intitolat għal din il-mediċina skont l-iskeda V jista jgawdi min din il-mediċina mingħajr ħlas.

Seduta 31
11/10/2022

**PERSUNI LI GĦANDHOM BLUE STICKER – SERVIZZ JEW DRITTIJIET FL-AJRUPORT INTERNAZZJONALI TA' MALTA**

**2699. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinforma jekk il-persuni li għandhom il-blue sticker (persuni b'diżabilità) għandhomx servizzi jew drittijiet ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, bħal pereżempju li wieħed ma joqgħodx jistenna fil-kju biex jagħmel check-in? Jekk iva x'inhuma dawn?

03/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 2699 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 31
11/10/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – KUNSILL LOKALI – ILMENTI TA' PERCUSSION INSTRUMENTS FI ĠNIEN IL-MILLENJU BUĠIBBA**

**2700. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Sad-data li qiegħda ssir din il-mistoqsija parlamentari, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm-il darba l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar irċieva lmenti dwar numru ta' 'percussion instruments' li l-istess kunsill installa f'parti minn 'Ġnien il-Millenju', Buġibba, San Pawl il-Baħar? Jista' jikkonferma li l-ilmenti li rċieva direttament il-Kunsill, jew li setgħu ġew mibgħuta lir-rappreżentanti tiegħu (lis-Sindku u/jew lis-Segretarju Eżekuttiv) kollha ġew imwieġba, u jekk le x'inhi r-raġuni għal dan? Jista' jagħti tagħrif dwar jekk sarux xi studji dwar il-livelli tal-ħsejjes ikkawżati minn dawn l-istess strumenti qabel ma dawn ġew installati? Jista' jagħti tagħrif dwar jekk il-kunsill intalabx li jagħti rapporti dwar dawn l-istess ħsejjes lill-Awtorità tal-Ippjanar jew lil xi entità oħra, u jekk iva jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-istess rapporti?

03/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, illi l-istess Kunsill irċieva 3 ilmenti mingħand residenti li joqogħdu f'binja ta' appartamenti li tinsab madwar 30 metru 'l bogħod, fejn il-Kunsill bagħat risposta uffiċjali lill-amministratur tal-binja.

Infurmat illi l-Kunsill iddeċieda li tinġibed l-attenzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva għal aktar sorveljanza tal-liġijiet f'dan il-ġnien kif ukoll dwar li jitħaffef il-proċess biex tiġi installata CCTV fl-inħawi.

Seduta 31
11/10/2022

**IN-NAXXAR – LABOUR AVENUE – KOLLA JEW INSETTI MAS-SIĠAR**

**2701. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk il-Ministeru waslulux rapporti dwar xi problemi ta' kolla u/jew insetti li għandhom is-siġar f'Labour Avenue, Naxxar skont xi residenti ? Jekk iva, jista' jagħti tagħrif dwar dawn l-istess rapporti u jekk le, jista' jagħmel spezzjoni ta' dawn is-siġar biex jara x'passi jistgħu jittieħdu biex jiġu evitati inkonvenjenzi għar-residenti u kull min jipparkja f'din it-triq?

03/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lil-Onor. Interpellant li d-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali ma daħlulu l-ebda rapporti dwar din il-lokalità. Madanakollu, l-ispetturi tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti spezzjonaw is-siġar li jinsabu fit-triq ewlenija tan-Naxxar imsemmija, u ma nnutaw l-ebda organiżmi ta' ħsara li jaffettwaw is-saħħa tal-pjanti madwar dawn is-siġar.

Seduta 31
11/10/2022

**KAPTANA MINN PAJJIŻI TERZI – IMBARKAR BIEX JAĦDMU FUQ BASTIMENTI TAS-SAJD**

**2714. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiċi għandhom il-kaptana minn pajjiżi terzi li jiġu imbarkati biex jaħdmu fuq bastimenti tas-sajd, sabiex ikunu jistgħu jbaħħru f'ibħra internazzjonali? Kemm ingħataw permessi mill-bidu ta' din is-sena, xahar b'xahar? Mil-liema pajjiżi ġejjin dawn il-persuni?

03/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kaptana minn pajjiżi terzi li jiġu imbarkati biex jaħdmu fuq bastimenti tas-sajd, jiġu mitluba li jissottomettu diversi rekwiżiti.

Mill-bidu ta' din is-sena ngħataw 55 permess kif jidher fit-tabella t'hawn taħt.

| **Xahar** | **Numru ta' permessi** |
|---|---|
| Jannar | 29 |
| Frar | 3 |
| Marzu | 3 |
| April | 10 |
| Mejju | 6 |
| Ġunju | 2 |
| Lulju | 0 |
| Awwissu | 0 |
| Settembru | 2 |

Dawn il-persuni ġejjin mill-Eġittu, l-Indja u l-Indonesja.

Seduta 31
11/10/2022

**WIED IL-GĦAJN – PROĠETT ĠEWWA R-RAMLA**

**2719. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-proġett li nbeda s-sena li għaddiet ġewwa r-Ramla li tagħmel parti mil-lokalità ta' Wied il-Għajn, hux ser jitkompla fosthom li jsir l-asfaltar tal-parti li fadal?

03/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Infrastructure Malta, bħala parti mill-impenn tagħha biex ittejjeb ukoll il-kwalità tal-infrastruttura fil-portijiet u f'żoni oħrajn mal-kosta f'Malta u Għawdex, bniet mill-ġdid it-tliet mollijiet tal-Bajja ta' San Tumas, f'Wied il-Għajn, wara li partijiet minnhom kienu nqerdu bit-tgħawwir tal-baħar u l-maltemp matul is-snin.

Dawn il-mollijiet twal mal-50 metru 'l wieħed tant kienu fi stat imwiegħer li kienu qed jipperikolaw saħħet l-għawwiema, d-dilettanti tas-sajd u tad-dgħajjes u persuni oħrajn li jżuru din il-bajja popolari. Wara li reġgħet bniet il-mollijiet, Infrastructure Malta bniet mill-ġdid ukoll it-triq ta' din ix-xtajta, b'bankini ġodda u titjib ieħor.

Seduta 31
11/10/2022

**WINCH ROOMS - SPIŻA**

**2720. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġie jiswa x-xogħol li sar fuq il-winch rooms lokalità b'lokalità?

03/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sar xogħol fuq ħdax-il winch room li jinsabu ġewwa Marsaskala, Birżebbuġa, Wied iż-Żurrieq, San Pawl il-Baħar, San Ġiljan, Kalkara, kif ukoll fuq il-ħames winch rooms f'Marsaxlokk. Dan ix-xogħol ingħata b'sejħa għall-offerti waħda, għal spiża totali ta €114,390 (VAT eskluż).

Seduta 31
11/10/2022

**TRIQ TAL-BARRANI - TRAFFIKU**

**2721. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara x'inhi r-raġuni li fi Triq tal-Barrani limiti taż-Żejtun u fil-Marsa, f'ċertu ħinijiet qed jerġa' jinġabar it-traffiku wara li l-Gvern investa bil-kbir fl-underpass ta' Santa Luċija u flyovers fil-Marsa?

03/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. interpellant li l-Awtorità tat-Trasport qed tagħmel dak kollu li tista' sabiex fi-peak hours tikkontrolla kemm jista jkun it-traffiku biex jonqos l-inkovenjent fit-toroq.

Apparti pjan ħolistiku imħejji u li permezz tiegħu numru ta' Uffiċjali tat-traffiku qegħdin ikunu f'diversi postijiet fejn normalment jinġemgħa t-traffiku, l-Awtorità tieħu ħsieb ukoll li tipprovdi servizz ta' Tow Trucks li jkunu qegħdin stand by fil-viċinanzi sabiex jekk ikun hemm bżonn dawn jintervjenu fl-anqas żmien possibli.

Iżda jekk minkejja dawn il-mi¿uri kollha, jinqalgħu inċidenti fit-toroq fejn anke jistgħu iweġġgħu in-nies l-Awtorita' jkollha taġixxi skond iċ-ċirkostanzi ta' dak il-ħin.

Nassigura lill-Onor. Interpellant li l-Awtorita' se tibqa issegwi u tagħmel dak kollu li tista' sabiex jittieħdu l-miżuri li jkun hemm bżonn biex it-traffiku jkun wieħed mexxej.

Seduta 31
11/10/2022

**IŻ-ŻEJTUN – TRIQ IL-PRESIDENT ANTON BUTTIGIEG**

**2722. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara permezz tal-esperti konċernati, x'jista jsir aktar u aħjar fi Triq il-President Anton Buttigieg fiż-Żejtun, ħalli jonqos il-periklu ta' aktar inċidenti tat-traffiku?

03/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tat-Trasport se tkun qed tiltaqa' mal Kunsill Lokali biex tinstab soluzjoni ħalli jonqos il-periklu ta' aktar inċidenti tat-traffiku.

Seduta 31
11/10/2022

**IŻ-ŻEJTUN/MARSAXLOKK – TRIQ XROBB L-GĦAĠIN - XOGĦLIJIET**

**2723. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid meta huwa mistenni li jitkompla u jitlesta x-xogħol fi Triq Xrobb l-Għaġin bejn iż-Żejtun u Marsaxlokk? X'inhu x-xogħol li fadal li jsir u meta se jitkompla?

03/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infurmata li x-xogħlijiet bħalissa jinsabu għaddejjin u qed isiru mejnijiet ġodda. Ser ikun qed isir ukoll l-aħħar saff ta' asfalt fil-jiem li ġejjin. Ix-xogħol mistenni jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**2756. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

04/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kemm ilu li twaqqaf l-Ministeru f'April tat-2022 ma tħallsux flus mill-Ministeru jew l-entitajiet li jaqgħu taħtu lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**2757. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

04/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'Seduta oħra.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**2758. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

04/10/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li la l-Ministeru u lanqas l-entità li taqa' taħtu ma għamlu reklamar f'xandiriet mill-2017 sal-lum, fil-Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**2759. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

04/10/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tħallsu €8,230.67ċ f'reklamar lil Media.link mill-2017 sal-lum il-ġurnata.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**2760. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

04/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-Ministeru ma ħallas l-ebda flus f'reklamar fuq media fil-perjodu msemmi lil Media link, NET TV, NET FM u anqas lill-Partit Nazzjonalista.

Seduta 31
11/10/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**2761. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

04/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 31
11/10/2022

**SUSSIDJU FUQ IL-KERA TA' RESIDENTI PRIVATI - APPLIKAZZJONIJIET**

**2791. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid sal-lum kemm daħlu applikazzjonijiet għal sussidju fuq il-kera f'residenzi privati mikrija qabel l-1 ta' Ġunju 1995 u li huma milquta minn żieda fil-kera stipulata minn sentenza tal-Qorti? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew ipproċessati diġà u kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew approvati? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-applikazzjonijiet għadhom pendenti?

05/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellanta li s'issa daħlu 370 applikazzjoni għal sussidju fuq il-kera f'residenzi privati mikrija qabel l-1 ta' Ġunju 1995li huma milquta minn żieda fil-kera stipulata minn sentenza tal-Qorti.
343 applikazzjoni ġiet ipproċessata diġà. Minn dawn 314 kienu validi u approvati waqt li 29 oħra instabu invalidi. Bħalissa l-Awtorità tad-Djar għandha 27 applikazzjoni pendenti li jinsabu fi stat inizjali jew pendenti minħabba xi dokumenti nieqsa li ma ġewx sottomessi mal-applikazzjoni.

Seduta 31
11/10/2022

**AWTORITÀ TAD-DJAR – SKEMA TA' SUSSIDJU FUQ IL-KERA**

**2792. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-ammont ta' sussidju li ngħata mill-1 ta' Ġunju 2021 sa issa mill-Awtorità tad-Djar fl-iskema ta' Sussidju fuq il-Kera f'residenzi privati mikrija qabel l-1 ta' Ġunju 1995, u li huma milquta minn żieda fil-kera stipulata minn sentenza tal-Qorti?

05/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellanta li l-ispiża totali tan-nefqa fuq sussidju fuq il-kera f'residenzi privati mikrija qabel l-1 ta' Ġunju 1995 u li huma milquta minn żieda fil-kera stipulata minn sentenza tal-Qorti kienet ta' €805,589.

Seduta 31
11/10/2022

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL SUSSIDJU FUQ IL-KERA**

**2793. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-applikazzjonijiet għal sussidju fuq il-kera f'residenzi privati mikrija qabel l-1 ta' Ġunju 1995 li ġew ippreżentati sa issa, ġejjin minn persuni li għandhom aktar minn 65 sena u kemm minnhom ġejjin minn persuni li għandhom anqas minn 65 sena?

05/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellanta li t-370 applikant li applikaw għal sussidju fuq il-kera f'residenzi privati mikrija qabel l-1 ta' Ġunju 1995 kellhom età kif jidher hawn taħt:-

| | |
|---|---|
| Aktar minn 65 sena | 286 |
| Anqas minn 65 sena | 84 |

Seduta 31
11/10/2022

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL SUSSIDJU FUQ IL-KERA**

**2794. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm applikazzjonijiet għal sussidju fuq il-kera f'residenzi privati mikrija qabel l-1 ta' Ġunju 1995 li minkejja li kellhom żieda fil-kera minn sentenza tal-Qorti u minkejja li l-kerrejja jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi skont ir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' test tal-mezzi) u l-Artikolu 4A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, Kap. 69, ma ġewx approvati? Jekk iva, jista' jgħid kemm kienu dawn l-applikazzjonijiet u jgħid ukoll għaliex dawn l-applikazzjonijiet ma ġewx approvati?

05/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Awtorità tad-Djar kellha 29 applikanti li applikaw għal sussidju fuq il-kera f'residenzi privati mikrija qabel l-1 ta' Ġunju 1995 li ma ġewx approvati. Dawn ma ġewx approvati għaliex għadhom jaħdmu u l-kera awmentata hija anqas minn 25% tad-dħul annwu globali tagħhom. Din hija waħda mill-kundizzjonijiet tal-iskema ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Awwissu 2021 (klawżola 10[a]).

Seduta 31
11/10/2022

**MEDIĊINA GOLEXIN IMPLANT 3.6MG**

**2795. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2520 fejn ġie kkonfermat li bħalissa l-prodott imsemmi huwa disponibbli, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għal liema perjodi ma kienx disponibbli u jekk kienx hemm pazjenti li ġew milquta min-nuqqas tiegħu?

05/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 2520.

Seduta 31
11/10/2022

**INFERMIERA MINN PAJJIŻI BARRA MILL-UE - NAZZJONALITÀ**

**2808. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhi n-nazzjonalità tal-infermiera li ġejjin minn barra mill-UE u li ħallew pajjiżna minn Jannar 2020 sa Settembru 2022? (persentaġġi minn kull pajjiż)

05/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 2800 u 2802.

Seduta 31
11/10/2022

**SERVIZZ PUBBLIKU – INFERMIERA LI REĠGĦU ĠEW INGAĠĠATI**

**2809. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm infermiera li reġgħu ġew ingaġġati fis-Servizz Pubbliku minn Jannar 2020? Kemm minn dawn huma ta' nazzjonalità barra mill-UE?

05/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi mis-sena 2020 reġgħu ġew ingaġġati wara li kienu telqu s-servizz 38 infermiera li 5 minnhom huma ta' nazzjonalità barra mill-UE.

Seduta 31
11/10/2022

**PULIZIJA – CYBER CRIME UNIT – RAPPORTI DWAR KAŻI TA' CHILD GROOMING**

**2810. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ ta' child grooming ġie rrapportat lill-pulizija fi ħdan is-Cyber

Crime Unit minn Jannar 2010 sa Settembru 2022, sena b'sena? Kemm minn dawn il-każijiet ġew imtella' l-Qorti bħala reati? Kemm minn dawk il-każijiet li ġew imtella' l-Qorti, instabu ħatja?

05/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi is-Cyber Crime Unit fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, ma tirċevix rapporti dwar każi ta' child grooming, għalkemm din it-taqsima tagħti kull għajnuna minn naħa tagħha kull meta tkun mitluba. Madankollu, infurmat illi bejn Jannar 2010 u l-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena, sezzjonijiet oħra tal-Pulizija investigaw għoxrin każ simili wara li rċivew rapporti relatati, kif jidher mit-tabella ta' hawn taħt, li fiha inkluż dawk dettalji ta' li ġew imressqa il-Qorti wkoll:

| Sena | Numru ta' rapporti ta' child grooming li rċiviet il-Pulizija | Persuni mtella' l-Qorti | Każijiet pendent il-Qorti | Persuni misjuba ħatja | Każijiet li qed jiġu investigati | Każijiet investigati u ma kienx hemm lok ta' Qorti |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2010 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 2011 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 2012 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 2013 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 2014 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 2015 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 |
| 2016 | 5 | 4 | 2 | 2 | 0 | 1 |
| 2017 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 2018 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 2019 | 7 | 3 | 3 | 0 | 0 | 4 |
| 2020 | 2 | 1 | 1 | 0 | 0 | 1 |
| 2021 | 4 | 0 | 0 | 0 | 1 | 3 |
| 2022 sa Settembru | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 |
| Total | 20 | 10 | 8 | 2 | 1 | 9 |

Seduta 31
11/10/2022

**IL-QAWRA - DAWRET IL-QAWRA - ARBLU NUMRU 5 - BOZZA**

**2829. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tieħu l-passi neċessarji biex il-bozza li qiegħda fuq arblu numru 5 li qiegħed f'Dawret il-Qawra, Qawra terġa' tibda tixgħel wara li din ilha għal numru ta' ġimgħat mitfija?

06/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li sad-data ta' din il-Mistoqsija Parlamentari, l-Enemalta ma kienet irċeviet l-ebda talba fuq xi bozza li tieħu ħsieb hi fit-triq in kwistjoni.

Għaddejt l-ilment biex isiru t-tiswijiet neċessarji.

Seduta 31
11/10/2022

**PARKEĠĠ RISERVAT U PERSONALIZZAT GĦAL PERSUNA B'DIŻABILITÀ**

**2834. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx policy li tirregola x'jiġri f'każ fejn ikun hemm parkeġġ riservat u personalizzat għal persuna b'diżabilità u dan ma jkunx quddiem darha, u fil-post fejn ikun hemm dan il-parkeġġ aktar tard jinġieb permess biex jinfetaħ garage? Jekk hemm policy, x'inhi, x'għandu jiġri u x'inhi l-proċedura li wieħed għandu jsegwi biex dan il-parkeġġ jiċċaqlaq?

07/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tat-Trasport dejjem tipprova tagħmel il-parkeġġ riservat l-eqreb possibbli tal-persuna li tkun qiegħda tressaq l-applikazzjoni. Jekk ma jkunx possibbli li l-parkeġġ riservat isir quddiem id-dar ta' l-applikant, il-parkeġġ ikollu jsir quddiem id-dar ta' xi ħadd ieħor li mhuwiex l-applikant.
Jekk jinħareġ permess mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex fejn ikun hemm il-parkeġġ riservat, jinfetaħ jew jinbena garage, l-Awtorità tat-Trasport jkollha ssib post alternattiv għall-persuna b'diżabilità.
Sabiex l-Awtorità tat-Trasport tipproċedi, trid ssir talba bil-miktub u akkumpnajata bid-dokumenti li juru b'mod ċar il-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Seduta 31
11/10/2022

**IMPJANT TAL-PRODUZZJONI TAL-PRODOTTI TAX-XORB - ILMA**

**2840. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid sena b'sena mill-2011 sal-2021 kemm ittella' ilma mill-ilma tal-pjan mill-impjanti tal-produzzjoni tal-prodotti tax-xorb, inklużi dawk li jibbottiljaw l-ilma għax-xorb, u b'liema rata, medja għal kull sena, dan inxtara?

07/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-informazzjoni mitluba tingħata f'seduta oħra, peress li tirrikjedi ż-żmien biex tinġabar.

Seduta 31
11/10/2022

**IŻ-ŻURRIEQ – LISTA TA' XOGĦLIJIET**

**2841. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2001, jista' l-Ministru jikkonferma li meta qed jinqalgħu t-toroq minnħabba l-proġett għat-taffija tal-għargħar ser jinbidlu servizzi oħra wkoll għaliex jew ikun ilhom li ġew installati jew għaliex fil-fatt għandhom il-ħsara?

07/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi huwa responsabbli biss għax-xogħlijiet relatati mat-taffija tal-għargħar. Jekk waqt ix-xogħlijiet jirriżulta li servizzi oħra għandhom xi ħsara, isir kuntatt mal-istakeholders rispettivi.

Seduta 31
11/10/2022

**BUS SHELTERS F'KULL LOKALITÀ**

**2842. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' kemm saru bus shelters ġodda lokalità b'lokalità mill-Gvern Lokali rispettiv mill-2013 sal-2021? Jista' jipprovdi lista lokalità b'lokalità ta' talbiet pendenti u meta saru dawn it-talbiet mill-Gvern Lokali rispettiv?

07/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sabiex tiġi mwieġba d-domanda tiegħu, li daħlet erbat ijiem biss qabel is-seduta tal-lum, jeħtieġ li jsir eżerċizzju li jieħu żmien twil u li jeħtieġ użu ta' ħafna riżorsi, liema riżorsi jistgħu jintużaw fuq ħidma ħafna aktar produttiva u effettiva b'risq iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

Seduta 31
11/10/2022

**IŻ-ŻURRIEQ – LISTA TA' XOGĦLIJIET**

**2843. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Peress li l-mistoqsijiet parlamentari 511 u 865 ma ġewx imwieġba kompletament, u in vista tal-wegħda ta' qabel l-elezzjoni li l-ebda żvilupp mhu ser isir fiż-żona ta' Wied Żnuber, f'Ħal Far, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li l-ftehim mal-Ħal Far Model Flying Association dwar l-użu ta' art fl-istess inħawi, jiġi kkanċellat jew modifikat biex jirrifletti din il-wegħda? Liema huma s-siti alternattivi li qed jiġu kkunsidrati għall-użu ta' Ħal Far Model Flying Association? Liema huma l-partijiet ikkonċernati li qed jiġu kkonsultati?

07/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor.Interpellant li t-tweġiba ngħatat f'seduta 11 għall-mistoqsija parlamentari 865.

Seduta 31
11/10/2022

**ĦAL FAR: TRAKKA TAL-KAROZZI – IMMIGRANTI LI JINSABU F'ĊENTRI MIFTUĦA**

**2844. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2032, peress li l-Ministru għamel referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2027, u din it-tweġiba ma tagħtix ir-risposta għall-mistoqsija, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li immigranti li jinsabu fiċ-Ċentri Miftuħa, Ċentri tar-refuġjati u ċentri oħra li jinsabu qrib u madwar is-sit fejn hemm il-ħsieb li tinbena t-trakka tal-karozzi f'Ħal Far hux ser jiġu rilokatti u jekk iva, kemm minnhom u fejn?

07/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 31
11/10/2022

**ĦAL FAR – ĦSEJJES IĠĠENERATI MIT-TRAKKA TAL-KAROZZI**

**2845. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2027, peress li din ma tirrispondix il-mistoqsijiet fl-istess domanda, jista' l-Ministru jgħid jekk intbagħtietx kopja tal-istudji dwar il-ħsejjes li ser ikunu qed jiġu ġġenerati mit-trakka tal-karozzi f'Ħal Far lill-Kunsilli Lokali ta' Birżebbuġa, taż-Żurrieq u ta' Ħal Safi? Jista' jgħid id-dati meta saru laqgħat ta' konsultazzjoni ma' dawn il-Kunsilli? Jista' jgħid x'kienu l-punti mqajma? Jista' jgħid kif dawn il-punti ser jiġu indirizzati u jippreżenta dokumentazzjoni li turi dan? Jista' wkoll ipoġġi r-rapport jew rapporti fuq il-Mejda tal-Kamra dwar il-ħsejjes li mistennija jiġu ġġenerati u kif dawn ser jiġu mmitigati?

07/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 31
11/10/2022

**MARSASKALA – UŻU TA' PARKEĠĠ TAL-ISKOLA**

**2846. L-ONOR. RAY ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju waslet il-konċessjoni biex il-pubbliku jkun jista' jagħmel użu mill-parkeġġ tal-iskola ta' Marsaskala?

07/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mistenni jiġi ffirmat qbil fil-jiem li ġejjin bejn il-partijiet ikkonċernati għall-użu tal-parkeġġ tal-iskola.

Seduta 31
11/10/2022